MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 61/2007

**Carmel sive Lino Farrugia**

**vs**

**Saviour Balzan u Kurt Sansone**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ l-atturipprezentat fl-1 ta’ Marzu, 2007 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-attur dik is-somma li tigi stabbilita’ minn dina l-Onorabbli Qorti a tenur sia tal-artikolu 28 u kif ukoll ta’ l-artikolu 29 tal-Att Dwar l-Istampa (Kapitolu 248) u dana previa d-dikjarazzjoni li l-istqarrija ossia l-artikolu riportat fil-gazzetta Illum (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok A ) datat 21 ta’ Jannar 2007 kienet falza u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u kienet tikkontjeni allegazzjonijiet foloz fil-konfront ta’ l-attur b’mod li attribwietlu fatti determinanti bi skop li toffendi l-unur, ir-reputazzjoni u l-fama tieghu u li tesponieh ghar-redikolu u ghad-disprezz pubbliku.

Bl-ispejjez, u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti pprezentata fil-21 ta’ Marzu, 2007 fejn esponew:

1. Illi fl-ewwel lok, l-attur irid jindika liema huma dawk il-partijiet ta’ l-artikolu in kwistjoni li huma allegatament foloz u malafamanti, ai termini ta’ dak li qed jitlob.

2. Illi fit-tieni lok dan huwa kaz car ta’ *fair comment*, ghax allahares kieku, f’kontroversja bhal din, gazzetta ma kellhiex id-dritt li tikkummenta b’mod specjali meta ssegwi mill-qrib anke dak li qed jigri barra minn Malta fuq il-materja in kwistjoni.

3. Illi fi kwalunkwe kaz, minghajr pregudizzju ghal dak sueccepit, jekk din il-Qorti tghaddi biex tillikwida xi danni, dawn ghandhom ikunu ta’ mhux aktar minn hamest elef lira Maltin (Lm5,000) ghaz-zewg intimati, u mhux ghal kull intimat.

4. Salvi risposti ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qed jilmenta minn kumment illi ghamel l-artikolist Kurt Sansone fl-artikolu illi gie ppubblikat fil-gazzetta “Illum” fil-21 ta’ Jannar 2007 li kien qed jirrapporta laqgha illi saret fi Brussell li fiha attendew l-Ghaqda tal-Kaccaturi mmexxija minn Lino Farrugia bhala Segretarju u membri ohra tal-kumitat li kienu qeghdin jiddiskutu l-kwistjoni tal-kacca f’Malta u kif dina kienet ser tigi affettwata bid-dhul taghha fl-Unjoni Ewropeja. L-attur hassu urtat peress li bil-kumment tieghu l-artikolist espona lill-istess attur ghad-disprezz mal-membri tal-Ghaqda tal-Kaccaturi li kienu

qeghdin jiddubitaw mill-genwinita’ u l-onesta li jirrapprezenta l-Ghaqda meta gie allegat illi Malta jghid mod u barra mod iehor.

Ikkunsidrat:

L-attur xehed illi f’laqgha mal-Kumitat tal-Ambjent tal-Unjoni Ewropeja fis-17 ta’ Jannar 2007 fi Brussell il-Belgium, meta gie mistoqsi dwar kacca llegali, qalilhom illi dina tezisti f’Malta pero’ tista’ tigi kontrollata. Qal ukoll illi l-kaccaturi illi jisparaw fuq tajr protett ikunu jafu illi qeghdin jaghmlu hekk. L-attur ikkonferma illi l-bran riportat fl-artikolu lamentat huwa fil-fatt korrett u verament qal hekk, pero’ ilmenta illi meta wiehed jaqra l-artikolu fit-total tieghu dana qisu qed jukzah mal-membri tieghu biex iwaqqalu giehu. Farrugia qal illi l-laqgha kienet wahda formali u kollox kien qieghed jigi *minuted*. Kompla *“jiena nikkonferma illi bhala fatt dak illi gie rappurtat ntqal...”* L-attur ma seta’ jidentifika l-ebda kliem partikolari li kien malafamanti pero’ ilmenta biss mill-messagg illi baghat l-artikolu illi ta lill-membri ta’ l-ghaqda x’jifhmu illi qal xi haga barra minn Malta illi ma kienx ser ighidu hawn Malta. Ikkonferma li ma kien hemm l-ebda riperkussjonijiet fuq il-posizzjoni tieghu fl-ghaqda u lanqas ma kien hemm xi varjazzjoni fin-numri tal-membri ta’ l-ghaqda wara l-pubblikazzjoni ta’ l-artikolu.

Joe Buttigieg il-President ta’ l-Ghaqda xehed (fol 24) *“nista’ nikkonferma illi dakinhar Lino Farrugia meta kien qed jitkellem mal-Kummissjoni Ewropeja qal illi veru go Malta ssir il-kacca llegali u hawn xi whud illi meta jisparaw lejn tajr protett ikunu jafu li qeghdin hekk jisparaw.”* Kompla jghid li huwa kien prezenti ghal din il-laqgha u semgha dan id-diskors. Qal ukoll pero’ li dina ma kienetx l-ewwel darba li l-Ghaqda kkundannat l-isparar fuq tajr protett. Qal ukoll li l-kumment ta’ l-artikolist Sansone pogga lill-kumitat f’dawl ikrah mal-membri, illi avvicinawh ghal gustifikazzjoni u spjegazzjoni ta’ dak illi ntqal u jekk kienx minnu illi barra minn Malta jghidu mod u Malta jghidu mod iehor.

Joe Perici Calascione *Public Relations Officer* tal-Ghaqda qal (fol 30) *“il-kliem in italics bl-Ingliz vera ntqal. Sur Farrugia hekk qal.... L-artikolu ghamel il-kumment li kieku dak id-diskors intqal Malta quindi allura l-membri ta’ l-Ghaqda ma kienux sejrin icapcpulna.”* Dan ix-xhud qal hekk il-ghaliex ftit wara li gew minn Brussels l-Ghaqda ghamlet *meeting* ghall-membri taghha r-Rabat u l-kumment ta’ Kurt Sansone fl-artikolu lamentat irrefera ghal dan il-*meeting* u qal illi kieku dak illi ntqal fi Brussels intqal f’dan il-*meeting* il-membri ta’ l-Ghaqda ma kienux icapcpu lis-Sur Farrugia waqt illi kien qieghed jindirizza dak il-*meeting.*

Il-konvenut Saviour Balzan (fol 36) qal li huwa mhuwiex l-editur registrat tal-gazzetta “Illum” u lanqas ma kellu x’jaqsam ma’ l-artikolu.

Il-konvenut fol 39 qal illi wara illi kellu l-informazzjoni kollha ta’ dak illi gara fi Brussels inkluz kopja tal-minuti, deherlu li kellu jirrapporta dak li fattwalment qal is-Sur Farrugia waqt dik il-laqgha. Fuq dawn il-fatti deherlu li kellu jaghmel kumment u dana l-ghaliex filwaqt li huwa minnu illi l-Ghaqda dejjem ikkundannat il-kacca llegali, dina kienet l-ewwel darba li s-Sur Farrugia qal specifikament illi l-kaccaturi Maltin kienu jafu li qeghdin jisparaw fuq tajr protett.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ dawn il-provi l-Qorti tibda mall-ewwel biex tillibera lill-konvenut Saviour Balzan mill-osservanza tal-gudizzju. L-attur ma gab l-ebda prova min kien l-editur registrat dakinhar li gie ppubblikat l-artikolu fil-21 ta’ Jannar 2007 u d-dikjarazzjoni tal-konvenut Balzan li huwa mhuwiex l-editur u lanqas ma kellu x’jaqsam ma’ l-artikolu in kwistjoni ma gietx kontestata mill-attur. Ghalhekk il-Qorti tghaddi minnufih biex tiddikjara lill-konvenut Saviour Balzan mhux responsabbli ghall-artikolu in kwistjoni u konsegwentement tordna l-liberazzjoni tieghu mill-gudizzju.

Ghal dak li jirrigwarda l-konvenut l-iehor Kurt Sansone jidher li hemm provi bizzejjed biex jorbtu lil dan il-konvenut ma’ l-artikolu in kwistjoni. Fil-fatt il-konvenut stess fix-xhieda tieghu ammetta r-responsabbilta’ tieghu. Iggustifika pero’ l-artikolu meta qal li kullma ghamel kien biss kumment fuq fatti vera illi graw waqt *meeting* fil-Kumitat ta’ l-Ambjent tal-Unjoni Ewropeja.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti taqbel illi l-konvenut Kurt Sansone kellu kull dritt jaghmel dak il-kumment ladarba kien ibbazat fuq fatti li verament graw u li gew dokumentati wkoll. Il-fatt li dak il-kumment kellu konsegwenzi negattivi o meno fuq l-Ghaqda tal-Kaccaturi u l-attur in partikolari m’ghandhiex taffettwa d-dritt tal-liberta’ ta’ l-istampa illi tikkummenta fuq fatti li jkunu verament graw. Mhuwiex kontestat mill-attur illi meta kien qieghed fil-laqgha tas-17 ta’ Jannar 2007 mal-Kumitat ta’ l-Ambjent tal-Unjoni Ewropeja verament qal illi f’Malta issir kacca llegali ghad illi kkwalifika dan bil-possibilta’ li tigi kkontrollata. Mhuwiex kontestat ukoll illi qal illi *“meta kaccaturi Maltin jisparaw fuq tajr protett ikunu jafu li qeghdin hekk jisparaw.“* Ikkonferma wkoll illi l-bran riportat bl-Ingliz fl-artikolu verament intqal u huwa korrett. Dan il-bran ighid *“yes, illegal hunting takes place and it is never by mistaken identity – the hunter knows exactly what he is doing.”*

L-attur assuma direttament ir-responsabbilta’ ta’ dan id-diskors u dan gie riportat fl-artikolu tal-konvenut Sansone. Ghalhekk ghal dawk li huma fatti l-artikolu huwa pjenament korrett u l-Qorti m’ghandha xejn x’tissindika.

Ghal dawk illi huma kummenti l-konvenut Sansone bhala gurnalist huwa liberu illi jaghmel kull kumment li jrid, kemm favur dak li ntqal jew kontra u jekk dan il-kumment kellu xi konsegwenzi ghall-attur Farrugia dina hija xi haga mmaterjali ghal fini ta’ din il-kawza. L-importanti huwa li l-gurnalist ikun liberu li jikkummenta u jaghti opinjoni meqjusa tieghu ghal konsum tal-pubbliku. Il-kumment u l-opinjoni ta’ l-artikolist kien semplicement ghal fatt illi l-membri ta’ l-Ghaqda ma kienux ser icapcpu lis-Sur

Farrugia illi kieku rrepeta dan id-diskors waqt *meeting* illi sar ir-Rabat. Dan huwa kumment ipotetiku illi seta' jew ma setghax sar. L-importanti huwa illi bhala kumment u opinjoni kellu jkun liberu li jesprimi tali fehma.

Ikkunsidrat:

Il-Qrati taghna dejjem iddefendew id-dritt ta' l-artikolist u jew gurnalist li jesprimi opinjoni fuq fatti li verament graw. Hekk per ezempju f'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet "Dr Louis Buhagiar vs Saviour Balzan et" qalet *"illi d-difiza ta' fair comment ghandha treggi biss jekk il-fatti jkunu pruvati bhala veritjera."* L-istess Qorti ta' l-Appell Sede Superjuri f'sentenza moghtija fil-21 ta' Jannar 1993 fl-ismijiet *"Angelo Fenech vs Anthony Montanaro et"* (wkoll Prim Awla 8 ta' Ottubru 1993 "*Victor Pace vs Joe Azzopardi et"*).

Il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza "*Verdens Gand u Asse vs Norvegja"* deciza fis-16 ta' Ottubru 2001 qalet illi d-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni hu suggett tal-kundizzjoni li l-gurnalista jagixxi in buona fede biex jipprovdi taghrif ezatt u ta' min jorbot fuqu. F'dan il-kaz il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fl-operat tal-konvenut Kurt Sansone. Dana adixxa in buona fede meta rrapporta testwalment id-diskors illi ghamel l-attur waqt il-laqgha tal-Kumitat tal-Ambjent tal-Unjoni Ewropeja u pprovda taghrif ezatt ta' dak id-diskors kif ukoll tal-laqgha pubblika illi l-Ghaqda ghamlet fir-Rabat liema laqgha giet indirizzata mill-istess attur. Il-konvenut Sansone ghazel illi jghaqqad dawn iz-zewg avvenimenti u jaghmel il-kummenti tieghu, issa huwa d-dmir tal-Qorti illi tipprotegi lill-gurnalist u tafferma d-dritt tieghu illi jesprimi opinjoni dwar dawn il-fatti illi realment graw. Bhalma diga' nghad jekk din l-opinjoni ma toghgobx lill-attur hija kwistjoni immaterjali, bhalma hi kwistjoni mmaterjali jekk l-ghaqda kkundannatx il-kacca llegali fi drabi ohra. Dan setgha sar pero' ma jbiddilx is-sustanza ta' l-argument tal-Qorti, liema argument jibqa' dejjem il-protezzjoni tal-espressjoni tal-

gurnalist jew individwu illi jaghzel li jaghmel kumment u opinjoni fuq fatti illi realment graw.

Ghalhekk il-Qorti filwaqt illi tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut Kurt Sansone ta’ *fair comment* tichad it-talba ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------